**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 111 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar punt imqajjem mill-Onor. Simon Busuttil dwar rappurtaġġ ta' proċeduri parlamentari minn One News**

Fis-Seduta 110 tal-Erbgħa 9 ta' Mejju 2018 l-Onor. Simon Busuttil ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal rapportaġġ li deher fuq l-*online portal* ta' One News datat 9 ta' Mejju 2018 intitolat "Ara: Il-PN: La n-natura tgħid le tippretendix għajnuna" u nikkwota:

> **ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President. L-ewwel nett bħas-Sedja nixtieq nilqa' lill-mistiedna li hawn minn *One Club*, però nixtieq nagħmel – jekk tippermettili – ilment dwar rappurtaġġ li għamel One News li lbieraħ irrapporta d-diskors tiegħi li jien għamilt ilbieraħ, fejn ġabni ngħid eżattament bil-maqlub ta' dak li għidt! Sur President, inti smajtni, għax kont preżenti meta għamilt id-diskors. Taf li jien espressament għidt għal iktar minn darba li jien favur l-IVF, li favur li ngħinu kemm nistgħu lill-koppji li ma jistax ikollhom tfal, iżda One News irrappurtani eżattament bil-maqlub!
>
> **L-ISPEAKER:** Sewwa. Kemm tgħidli r-rapport.
>
> **ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Dan mhuwiex l-ewwel darba li sar u qatt ma nagħti kas, però ladarba dan huwa suġġett sensittiv u anke l-President tar-Republika talbitna niddiskutuh b'dinjità, se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport, u qed nitolbok tara l-i*speech*, tara r-rappurtaġġ u titlob lill-*One* ...
>
> **L-ISPEAKER:** X'inhuwa l-ilment tiegħek?
>
> **ONOR. SIMON BUSUTTIL:** L-ilment huwa li mhuwiex rappurtaġġ fidil u leali lejn dak li għidt, u rrappurtani bil-maqlub ta' dak li għidt!
>
> **L-ISPEAKER:** Kollox sew. Ovvjament smajtek lilek, u issa nara x'ġabu fuq *One News* ...

Nikkwota wkoll l-artikolu intitolat "Ara: Il-PN: La n-natura tgħid le tippretendix għajnuna" li għamel referenza għalih l-Onor Busuttil:

> "Il-Partit Nazzjonalista issa qed jgħid li wieħed m'għandux jippretendi drittijiet li n-natura tkun qaltlu le.
>
> Dan b'rabta mad-dibattitu dwar l-IVF fejn lill-koppji infertili l-eks Kap tal-PN u deputat Simon Busuttil qalilhom biex ma jipppretendux xi drtit mill-membri parlamentari ladarba n-natura qaltilhom li ma jistax ikollhom ulied.
>
> Busuttil qal dan fi tmiem diskors fejn attakka l-emendi fil-ligi tal-IVF u filwaqt li kemm-il darba qal li ħadem għad-drittijiet ċivili, anke jekk saħansitra astjena dwarhom fil-parlament, kull darba segwa billi ta raġuni għaliex ma jridx li jkun estiż is-servizz tal-IVF.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tal-*clip* li xandar l-istess One News fuq l-*online portal* tiegħu fejn ġiet riprodotta l-aħħar parti mid-diskors tal-Onor. Busuttil tat-8 ta' Mejju 2018 meta qal hekk:

> "…. ma nistgħux aħna nagħmlu affarijiet li huma akbar minna bħalma nagħtu xi dritt li jkollok tarbija meta la n-natura u lanqas Alla ma jagħtihulek."

Is-Sedja qrat id-diskors kollu tal-Onor. Busuttil sabiex tasal għal deċiżjoni dwar il-punt imqajjem mill-istess Onorevoli Membru li ma sarx rapportaġġ fidil u leali ta' dak li huwa qal fis-seduta fuq imsemmija. Is-Sedja tinnota li lejn il-bidu tal-indirizz tiegħu l-Onor. Busuttil qal hekk:

> "Jien favur l-IVF li hija din it-teknoloġija li permezz tagħha tgħin lill-koppji li ma jistax ikollhom tfal u hija teknoloġija li permezz tagħha nwasslu bix ngħinu ħalli tinħoloq il-ħajja u għalhekk jien favur l-IVF. Hija ħasra li min qed jikkritika din il-liġi kif proposta minn dan il-Gvern qed jitpinġa bħala li huwa kontra l-IVF jew kontra li jgħin lill-koppji li ma jistax ikollhom tfal."

Fl-istess diskors insibu wkoll dan, u nikkwota:

> "Meta ngħid li jien favur l-IVF u favur il-liġi preżenti, ejja niftakru li l-liġi preżenti mhux biss għaddiet unanimament, ma kontx membru ta' din il-Kamra fl-2012 u allura ma kellix il-privileġġ li nivvota favur il-liġi tal-IVF li għaddiet dakinhar."

Nikkwota parti oħra mid-diskors tal-Onor Busuttil:

> "Jien, Sur President, kontra li jiġu ffriżati l-embrijuni kif qiegħed jipproponi l-Gvern preżenti f'din il-liġi u ser ngħid għaliex."

u ftit aktar 'il quddiem jgħid hekk:

> "Mela għandek żewġ possibilitajiet, waħda li diġà għandna llum *egg freezing* li ma fihiex problemi etiċi, għax *egg* mhijiex fertilizzata u l-oħra li jrid idaħħal dan il-Gvern *embryo freezing* jiġifieri bajda fertilizzata, jiġifieri ħajja. Għaliex se tieħu din l-għażla bil-*minefield* ta' diffikultajiet etiċi li din ġġib magħha?"

F'estratt ieħor mill-istess diskors l-Onor. Busuttil jgħid hekk:

> "Ir-risposta tiegħi, Sur President, hija din: *embryo freezing* illum isir tassew f'każi eċċezzjonali, super eċċezzjonali, illum bil-liġi preżenti. X'inhuma dawn il-każijiet eċċezzjonali? Meta inti tkun għaddej bl-intervent, iffertilizzajt bajda, għandek embrijun, u jiġri xi ħaġa eċċezzjonali lill-mara.".

Ftit wara l-Onor. Busuttil kompla hekk:

> "U allura l-argument tal-*embryo freezing* diġà tliftuh għax ivvutajtu intom stess favur tiegħu fl-2012. Le, għaliex l-*embryo freezing* illum huwa possibbli biss f'każijiet eċċezzjonali!"

Fi tmiem l-intervent tiegħu l-Onor. Busuttil tkellem fuq is-surrugazzjoni, u hawn nikkwota:

> "Jien kontra s-surrogazzjoni, u jekk hemm xi ħaġa li tweġġagħni ħafna u li jiena kontriha f'din il-liġi hija proprju l-idea li ser tidaħħal is-*surrogacy*."

Iktar tard meta jagħmel referenza għall-ġurnal *The Guardian* jgħid ukoll:

> "Issa *The Guardian* hija gazzetta pjuttost liberali. *The Guardian* għamlet artiklu "*All surrogacy is exploitation*"; hekk jismu dan l-artiklu li ser npoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra."

Nagħmel referenza għal parti oħra lejn l-aħħar tad-diskors tal-Onor. Membru fejn qal:

> "Hemm l-argument ukoll li għamel in-naħa tal-Gvern: isma' din il-liġi bilfors rridu ndaħħluha tafux – qal il-Gvern – għaliex inkella nkunu qegħdin f'sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni anke fil-konfront ta' kopji tal-istess stess. Dan l-argument li ġab il-Gvern, u qal ukoll: issa fil-Kostituzzjoni hemm provvediment maqbul bejn kulħadd, inkluż minna – vera – li ma jippermettix diskriminazzjoni bejn koppji tal-istess sess u koppji oħrajn. Dan l-argument, allura, ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' koppji tal-istess sess qiegħed jimbuttah il-Gvern bħala raġuni ewlenija għaliex irid jgħaddi din il-liġi. Kulħadd jaf li jien ħdimt u naħdem ħafna favur id-drittijiet tal-persuni tal-istess sess, però jiddispjaċini ngħid li m'hawnx diskriminazzjoni. U l-idea li qiegħed javvanza l-Gvern ta' diskriminazzjoni huwa argument żbaljat, Sur President, fuq żewġ livelli. L-ewwel nett ikollok diskriminazzjoni meta tkun diskriminazzjoni magħmula mill-bniedem mhux min-natura. In-natura jekk ħolqot il-bnedmin raġel u mara li jistgħu jagħmlu tarbija filwaqt li mara u mara jew raġel u raġel ma jistgħux, ma tistax tgħid li dik hija diskriminazzjoni tal-bniedem u allura illegali. Mela d-diskriminazzjoni m'hemmx għax ma tistax tgħid li n-natura ddiskriminat. X'tagħmel? Iddaħħal lin-natura l-Qorti fuq diskriminazzjoni?! Le, ma tagħmilx sens.
>
> It-tieni raġuni li m'hemmx diskrimianzzjoni hi li l-projbizzjoni tapplika għal kulħadd. Jiġifieri meta qed ngħidu ma ssirx surrogazzjoni, ma ssirx surrogazzjoni kemm għall-koppji raġel u mara, u anke għall-koppji tal-istess sess. Mela m'hemmx diskriminazzjoni."

Wara li s-Sedja ħadet in konsiderazzjoni dawn l-estratti kif ukoll l-ilment tal-Onor. Busuttil, tikkonkludi li għalkemm One News fil-fatt sussegwentement xandar *clip* li rriproduċiet dak li qal l-Onor Busuttil, is-Sedja qiegħda tifhem li meta l-Onor Busuttil qal id-diskors:

> ".... ma nistgħux aħna nagħmlu affarijiet li huma akbar minna bħalma nagħtu xi dritt li jkollok tarbija meta la n-natura u lanqas alla ma jagħtuhielek."

huwa kien qed jirreferi għall-argument dwar is-surrogazzjoni u allura ma kienx qed jgħid li fil-prinċipju huwa kontra l-IVF. Għalkemm, mid-diskors tiegħu joħroġ ċar li filwaqt li l-Onor. Busuttil huwa favur l-IVF skont il-liġi tal-2012 li bħalissa qiegħda *in vigore*, għamel ċar ukoll li huwa kontra l-emendi tal-IVF kif qed jiġu ppreżentati fl-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijun.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tirrakkomanda li One News jagħmel referenza għad-diskors tal-Onor. Busuttil fejn jgħid li filwaqt li l-Onor. Busuttil huwa favur l-IVF skont il-Liġi tal-2012, però huwa kontra l-emendi dwar *surrogacy* u l-IVF permezz tal-iffriżar tal-embrijuni kif proposti fl-Abbozz ta' Liġi li l-Kamra għandha quddiemha.

Ir-*ruling* huwa deċiż.